

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1009/2013

tat-18 ta' Ottubru 2013

li jiffissa l-koeffiċjenti ta' allokkazzjoni li għandha tapplika għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mressqa mill-14 sal-15 ta' Ottubru 2013 fil-kuntest tal-kwota tariffarja tat-Tuneżija u li jissospendi l-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għax-xahar ta' Ottubru 2013

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(1) u (2) tal-Protokoll Nru 1 <sup>(3)</sup> tal-ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri taġġhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Tuneżina min-naħa l-oħra <sup>(4)</sup>, jistabbilixxi kwota tariffarja b'dazju doganali ta' żero għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mhux raffinat li jaqa' taħt il-kodiċijiet tan-NM 1509 10 10 u 1509 10 90, prodott kollu kemm hu fit-Tuneżija u ttrasportat direttament minn dak il-pajjiż lejn l-Unjoni Ewropea, fil-limiti stipulati għal kull sena.
- (2) L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fdak li jirrigwarda ż-żejt taż-żebbuġa li joriġina

fit-Tuneżija <sup>(5)</sup> jipprovdi għal limiti kwantitattivi ta' kull xahar għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni.

- (3) F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, tressqu applikazzjonijiet għand l-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni għal kwantità totali li taqbeż il-limitu pprovdut għax-xahar ta' Ottubru fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament imsemmi.
- (4) F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokkazzjoni li jippermetti l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni *pro rata* għall-kwantità disponibbli.
- (5) Ġaladarba ntlaħaq il-limitu għax-xahar ta' Ottubru, għax-xahar imsemmi ma tista' tinħareġ l-ebda liċenzja tal-importazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa fid-14 u d-15 ta' Ottubru 2013 skond l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, għandhom jinħarġu skond koeffiċjent ta' allokkazzjoni ta' 39,536727 %.

Il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għall-kwantitajiet mitluba mis-21 ta' Ottubru 2013 huwa sospiż għal Ottubru 2013.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-19 ta' Ottubru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni,  
Fisem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 97, 30.3.1998, p. 57.

<sup>(4)</sup> ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.

<sup>(5)</sup> ĠU L 365, 21.12.2006, p. 84.